**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 41 – 6 ta' Jannar 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta' filgħaxija u saret Agenda 41. Il-laqgha bdiet fis-7 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Hadd | |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kienx hemm membri tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZJZONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 39 u Agenda 40 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fil-minuti ta' Agenda 39. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jigu approvati hekk kif imresqa. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu. (89)

1.3. Punt 8.4 tal-minuti ta' Agenda 40, pagna 280, jizdied li kien il-Kunsillier George Cortis li ppropona li jsiru dawn il-bankijiet.

1.4. Punt 4.7 tal-minuti ta' Agenda 40, pagna 277, il-proponent tal-mozzjoni jinbidel u jsir il-kunsillier Dominic Cutajar filwaqt li s-sekondant jigi l-kunsillier George Cortis.

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Agenda 40 jigu approvati hekk kif emendati. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Duncan Bartolo. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu. (90)

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Philip Said ghamel referenza ghal punt 3.1.5. tal-minuti ta' Agenda 39 u talab li jkun jaf jekk il-kunsill kienx ha posizzjoni b' mod ufficjali fil-pubbliku. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien kiteb ittra lic-Chairman tal-MEPA filwaqt li hekk kif kien habbar fil-laqgha ta' qabel gie ppublikat artiklu fuq il-fuljett minn naha ta' xi residenti.

2.2. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk il-kunsill kienx ha xi risposta mid-dipartiment dwar it-talbiet ghal ghajnuna finanzjarja liz-Zebbug Rangers Youth Nursery u fuq il-kaz ta' Miss Malta. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li d-dipartiment wiegeb li l-kunsill ma setax jghin f' dawn iz-zewg kazijiet ghax kienu jikkwalifikaw bhala donazzjonijiet.

2.3.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab informazzjoni dwar f' liema stadju kien ix-xoghol fuq Triq il-Buskett, il-progett tal-PPP, u Vjal il-Helsien. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fi Triq il-Buskett ix-xoghol kien waqaf minhabba l-festi tal-Milied u l-pass li jmiss mill-kuntrattur kien li jghaddi s-servizzi. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill kien diga ghamel kuntatt mal-kuntrattur sabiex jitkompla x-xoghol fuq it-triq. Is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex jaghtu attenzjoni ghal dak li jisimghu ghax kienet waslet ghal widnejh li xi haddiema tal-Attrans kienu qed jghidu li l-bicca minn triq il-buskett li qeghdha mal-genb tal-post fejn kien qieghed jigi zviluppat minn tal-Attrans kienet privata. Il-Kunsilliera kkummentaw li din kienet art pubblika u min kien qieghed isostni l-kontra kellu jgib il-provi ta' dan.

2.3.2. Rigward il-progett tal-PPP is-Sindku spjgea li kienet saret laqgha mal-perit tal-kunsill dakinhar filghodu u kienet se ssir laqgha mal-perit ta' Bonnici Bros il-jum ta' wara sabiex jigi ccekjat f' liema stadju kienu jinsabu l-permessi ghax-xoghol. Is-Sindku qal li f' certu toroq kien diga saru inspections fuq id-drenagg u kollo kien jiddipendi mit-time frames li taghti l-ADT lill-awtoritajiet sabiex jaghtu l-kummenti taghhom fuq il-permessi.

2.3.3. Fuq Vjal il-Helsien is-Sindku nforma lill-Kunsill li sal-gimgha ta' wara l-perit kien se jlesti t-tender documents. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien inghata fondi mid-Dipartiment ghal madwar €400,000 ghal bini mill-gdid tal-karreggata izda l-kunsill ma setax jaghmel il-karreggata biss minhabba li l-ewwel ried isir xoghol ta' tibdil tas-servizzi u xoghol fuq il-bankini. Is-Sindku qal li dan ix-xoghol kien imur oltre l-fondi allokati mill-gvern u ghalhekk kien se jitlob laqgha mad-Dipartiment sabiex jinghata l-permess sabiex l-ispejjez fuq din it-triq jinqasmu fuq perijodu ta' 5 snin u fl-istess hin jinforma lid-dipartiment li kien se japplika ghal fondi tal-EU ghall-upgrading tal-prodott turistiku.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti qajjem diskussjoni dwar l-armar tal-Milied. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li din is-sena l-armar kien brodu u kien hemm zewg stilel ma jixghelux filwaqt li parti mill-armar sar tard wisq. Is-Sindku wiegeb li parti mit-tort ghall-armar tard kien tieghu minhabba li kien hemm xi dewmien biex jintramghu xi arbli. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk l-armar fi triq il-Grazzja kienx sar mill-Kunsill. Is-Sindku wiegeb lid an l-armar sar mill-persuni responsabli tal-kappella tal-Grazzja.

2.5. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li l-attivita' b' risq id-dar tal-providenza kienet success u inizjattiva li l-kunsill ghandu jzomm ta' kull sena u jinholoq xi kumitat apposta.

2.6. Is-Sindku spjega li l-isfilata tal-Malta International Folk Festival giet imhassra minhabba li r-rahal kollu kien f' luttu minhabba l-mewt ta' Dr. Philip Muscat, ex-membru parlamentari Zebbugi u bhala sinjal ta' rispett. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li huwa kien tal-opinjoni li l-attivita missa

saret xorta f’ unur Dr. Muscat. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dak li sar ghal Dr. Muscat kien isir ghal membri parlamentari miz-zewg nahat.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kien ircieva ittra minghand il-Planning and Priorities Coordination Division (PPCD) fejn gie nfurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghal fondi tal-EU ghal panelli fotovoltajici giet rifjutata minhabba li jezistu skemi simili ohrajn provduti mill-gvern. Is-Sindku spjega li huwa ma kienx jaqbel ma din id-decizjoni u kien se jappella minna. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi spejjez relatati mal-appell. Is-Sindku wiegeb li sa fejn kien infurmat hu ma kien hemm l-ebda spiza.

3.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li ghal vakanza ta’ projects manager li l-kunsill kien qabel li jimpjega kienu saru l-intervisti minghand l-istess kumitat li kien responsabli mill-aggudikazzjoni u evalwazzjoni tat-tenders. Dan il-kumitat evalwa l-kandidati prospettivi hekk kif mibghuta mill-ETC u hareg rapport. Is-Sindku qara r-rapport lill-Kunsilliera u elenka t-tlett kandidati li ssodisfaw il-kriterja tal-kumitat. Is-Sindku spjega li l-listi tal-kandidati giet imfassla mill-ETC skond il-kriterji li gew maghzula mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

3.2.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf x’ budget hemm ghal din il-vakanza.

3.2.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li fl-opinjoni tieghu kellu jkun hemm il-perit tal-Kunsill fuq il-bord tal-ghazla. Is-Sindku wiegeb li hafna mill-persuni fuq il-bord diga kellhom esperjenza fil-qasam ta’ interviews.

3.2.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf ghala ma kienx hemm sejha pubblika ghal din il-vakanza. Is-Segretarju spjega li l-kunsill kien marbut li jimxi ma proceduri mfassla mid-dipartiment fejn jidhol l-impjieg ta’ persuni godda. Is-Segretarju spjega li l-procedura titlob li l-kunsill jitlob il-permess tad-dipartiment sabiex jimpjega persuna, l-kwalifici tal-vakanza mfassla skond id-dipartiment li minn naha tieghu jinforma l-ETC bil-vakanza u din taghmel ‘shortlisting’ mill-persuni li jaqghu taht l-ewwel parti tar-registru, jigifieri dawk il-persuni li jinsabu qeghdin jirregistraw ghal impjieg. Il-Kunsill jevalwa dawn il-persuni u jekk ma jkunx sodisfatt jinforma lill-ETC li tghaddilu lista tal-persuni fuq it-tielet parti tar-registru. Jekk il-kunsill jerga ma jkunx sodisfatt jinghata l-permess li johrog sejha interna fost l-impjegati tal-kunsilli lokali u fl-ahhar jkun jista johrog sejha pubblika.

3.2.5. Il-Kunsillier Agius wiegeb li l-kunsill kellu jaghmel il-process kollu. Is-Sindku wiegeb li s-sistema ma tahdimx hekk u jekk ikun hemm kandidati li jissodisfaw lill-kunsill fl-ewwel stadji tal-process ikun irid jaghzel minn

fosthom. Is-Sindku kompla jghid li l-bord tal-ghazla rrakkomanda li hemm tlett persuni mill-lista mibghuta mill-ETC li jissodisfaw il-kriterji mehtiega u ghalhekk kien se jipprocedi billi jibghat ir-rapport tal-kumitat lill-ETC u kien se jibghat ghal-kandidat li gie l-ewwel fl-intervista li saret u joffrilu l-pakkett finanzjarju li jikkorispondi mal-grad maghzul mid-dipartiment u jekk jaccetta jipprocedi biex jimpjegah. Is-Sindku spjega li jekk dan il-kandidat ma jaccettax il-pakkett offrut imexxi u joffri l-istess pakkett lill-persuna li giet it-tieni u wara lill-persuna li giet it-tielet. Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni fuq il-procedura mressqa mis-Sindku.

3.2.6. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li b' din il-kariga, l-haddiem tal-IPSL Bernard Buhagiar ma kienx se jibqa' jkopri dan ir-rwol u ma kienx se jibqa ntitolat ghall-allowance tieghu. Is-Segretarju wiegeb li s-sur Bernard Buhagiar ma kien qieghed jaqdi l-ebda rwol ta' works manager izda kien biss jintbaghat f' certu kazijiet fuq xi lmenti li jkun hemm. Is-Segretarju spjega li s-sur Buhagiar kien jinghata allowance biss talli juza l-karozza privata tieghu ghal xoghol tal-kunsill u dan bi ftehim mad-dipartiment tal-gvern lokali, u meta jaghmel sighat wara l-hin kien jithallas tal-overtime. Il-Kunsillier Cortis ikkummenta li ma kienx jaqbel li l-haddiema tal-IPSL jiddahlu overtime.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti lill-Kunsilliera. Huwa talab ghall-kummenti tal-kunsilliera.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 41** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 38/2010 | 30/12/10 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Dicembru 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 673 | 30/11/10 | 3,688.17 | Knis Dicembru 2010 |
| Roccu Mifsud | 58 | 28/11/10 | 886.66 | Public Conveniences Dicembru 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/11/10 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Dicembru 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 26/11/10 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Dicembru 2010 |
| Mica Med Ltd | 504 - 517 | various | 1,589.22 | Maintenance of Street Lighting |
| Best Print | 6967 | 13/09/10 | 183.75 | Printing services |
| Raymond Calleja | n/a | various | 10,347.22 | Patching u Bankini |
| Med Design | 30004531, 30004420 | various | 3,860.00 | Report on Hal Mula HE, Printing Expenses |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **31,635.03** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| B. Grima & Sons | 1795, 1833 | various | 823.23 | Tabelli u sinjali |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| SG Solutions | various | various | 282.30 | Photocopier leasing |
| Joe Bonnici & Sons | 5300 | 27/09/10 | 240.13 | Hire of Mobile Toilets festa tal-Grazzja |
| Andrew Vassallo Ltd | 2043-10MC | 23/11/10 | 395.25 | Festa manhole covers |
| La Barbone | n/a | 23/10/10 | 956.00 | Catering Jum Haz-Zebbug, laqghat anzjani Oct & Nov |
| Zarb Coaches | 7796 | 17/12/10 | 271.40 | Hire of Transport |
| AGS | 33319 | 24/11/10 | 53.10 | Change of financial year |
| Superior Ironmongery | various | 23/11/10 | 1,122.10 | Ironmongery items |
| Ta' Xmun Ironmongery | 5 341 233 | 28/08/09 | 1,888.83 | Ironmongery items |
| Guard & Warden | 2834 | 30/11/10 | 910.10 | Monitoring Pjazza Nov 2010 |
| Guard & Warden | 2835 | 30/11/10 | 3,258.23 | Speed Camera Nov 2010 |
| APS consult | n/a | 07/12/10 | 472.00 | Installment on application |
| Digital Point | 2927 | 06/12/10 | 94.00 | Photographer services |
| Maresco Ltd | 7871 | 09/09/10 | 15.00 | Repair |
| Kompakt Trading Ltd | 3007147 | various | 55.96 | Laminator |
| Doris Cutajar | n/a | n/a | 204.85 | Librarian Nov 2010 |
| Smart Office Supplies | various | various | 467.91 | Office stationery |
| Lakoon | 1255 | 23/12/10 | 240.25 | Frames |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **11,750.64** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **43,385.67** | |
| | | | | |

4.2. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo talab aktar informazzjoni dwar il-pagament tal-AGS. Is-Segretarju spjega li din il-kumpanija ghamlet il-modifiki fuq is-sena finanzjarja tas-Sage.

4.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni biex qabel ma jkun hem mil-bidla fl-accountant il-Kunsill jizgura ruhu li l-accountant precedenti wiegeb rigward dak l-artiklu li kien deher fil-media.

4.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun f' xiex kien jikkonsisti r-rapport li ghamel il-perit fuq Hal Mula. Is-Sindku wiegeb li dan ir-rapport kien ghamel referenza ghalih f' laqghat ohrajn u kien condition report dwar l-istat tal-housing estate ta' Hal Mula u dan ir-rapport kien se jkun utli biex il-kunsill japplika ghal fondi ghal titjib fil-housing estates skond skema gdida li harget l-awtorita tad-djar.

4.5. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf f' liema stadju wasal ix-xoghol fuq il-gnien tal-Grazzja. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li wara li l-permess dam iktar minn sena biex johrog, liema permess hareg biss wara li kiteb personalment lill-Prim Ministru, issa l-kunsill jinsab fl-istadju li japplika ghal fondi tal-Urban Improvement Fund tal-MEPA ghal dan ix-xoghol.

4.6. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tigi approvata hekk kif mressqa. Huwa gie sekondat mill-kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati b' mod unanimu. (91)

**5. GBIR TA' SKART U KUNTRATT MAL-GREENPAK**

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-kuntratt tal-immanigjar tal-iskart riciklabli fil-lokalita mal-iskema GreenPak kien ghal perijodu ta' sena u l-kunsill kien wasal biex igedded dan il-kuntratt. Huwa talab lill-Kunsilliera l-opinjoni taghhom dwar is-sistema.

5.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab tindif aktar regolari tal-bins filwaqt li l-Vici Sindku Duncan Bartolo qal li f' certu postijiet jistghu jizdiedu l-ammont ta' bin ghall-kartun.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li f' certu zoni fosthom dik ta' hdejn Sant' Antnin u fi Triq Ganni Bonnici kienu qed jinholqu mizbliet u kien hemm bzonn aktar sorveljanza.

5.4. Kien hemm qbil li s-Sindku flimkien mal-kunsillier responsabli mill-ambjent jiltaqghu mal-GreenPak u jinnegozjaw l-ahjar pakkett possibli.

5.5. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill rigward il-bzonn li jinhareg tender ghall-bulky refuse issa li t-tender il-gdid tal-gbir ta' skart domestiku ma jkoprix dan it-tip ta' skart. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-kunsillier Dominic Cutajar bhala l-kunsillier responsabli mill-indafa flimkien mas-segretarju jahdmu fuq dan it-tender.

5.6. Saret diskussjoni dwar l-esperiment tal-kunsill li nhar ta' tlieta jingabar l-iskart riciklabli biss. Il-Kunsillier Ciantar ikkummenta li kien hemm sistema li ndrat minn kulhadd u li kienet qed tahdem u allura ma kienx hemm ghalfejn tinbidel. Is-segretarju wiegeb li l-esperjenza ta' lokalitajiet ohra turi li meta titnaqqas gurnata tal-gbir tal-borza s-sewda l-ammont ta' skart riciklabli jizdied.

## 6. STALLAZZJONI TA' PUBLIC INFORMATION KIOSK

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill proposta sabiex tinfetah tieqa mal-hajt tal-librerija tal-kunsill u jitpogga LCD screen li jservi bhala notice board elettronika u nformattiva kemm ghar-residenti u ghat-turisti. Kien hemm qbil li sal-laqgha li jmiss tal-Kunsill, il-kunsillier Emanuel Agius igib kwotazzjonijiet ghal LCD's.

## 7. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI

7.1. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ghamel referenza ghas-serq ricenti li kien hemm fil-lokalita u gibed l-attenzjoni tal-kunsill sabiex isiru zewg cctv cameras mal-bini tal-kunsill bhala sigurta ghall-haddiema. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Mario Borg jigbor kwotazzjonijiet ghal dawn il-cameras.

7.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jinghata r-rendikont finanzjarju tan-Night Fest li kien talab. Is-Segretarju pprezentalu r-rapport. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li din is-sena l-ispiza rigward din l-attivita trid tonqos b' mod drastiku.

7.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk hux se ssir laqgha ghall-pubbliku fil-lokal. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li kienet se tibda l-hidma biex tigi organizzata wahda.

7.4. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill li kien qieghed jigi avvicinat minn persuni dwar il-kundizzjoni tal-kappella ta' Dun Karm gewwa c-cimiterju. Is-Sindku spjega li din kienet propjeta privata tal-familja Vassallo u l-kunsill ma' seta' jaghmel xejn. Il-Kunsillier Said talab li allinqas il-kunsill iwassal il-messagg sabiex tinghata attenzjoni lil dan il-wirt.

7.5. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf jekk il-kuntrattur Raymond Calleja kienx issottometta l-kwotazzjonijiet li kellu jgib. Is-Segretarju wiegeb li l-kuntrattur kien gab xi kwotazzjonijiet izda dawn ma kienux jinkludu ta' sqaq il-lunzjata.

7.6. Il-Kunsillier Joe Ciantar irrimarka li ghalkemm kien hemm il-permess sabiex Triq Aggira issir one way it-tabelli kien ghadhom ma twahlux.

7.7. Il-Kunsillier George Cortis rega gibed l-attenzjoni fuq ipparkjar fuq il-bankina quddiem id-Duluri. Kien hemm qbil li l-kunsill jwahhal bollards quddiem din il-kappella.

7.8. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill minhabba li xi hadd kien avvicinah waqt li kien gej ghal-laqgha u nfurmah b' xi hajt li waqa' fi triq il-Madonna gewwa l-propjeta tal-baruni.

## 8. AGGORNAMENT

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Hamis 3 ta' Frar fis-7pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.50pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |